**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 12 ta' Frar 2018**

Numru 3

**Referenza Kostituzzjonali Nru. 84/2017**

**Estelle Azzopardi u**
**ghal kull interess li jista' jkollu John Azzopardi**
**vs**

**Mikelina u Maria ahwa Said, l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-referenza maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex- Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali) fil-13 ta' Ottubru, 2017 li permezz taghha u fuq ordni maghmula mill-Qorti tal-Appell wara s-sentenza taghha tas-31 ta' Ottubru 2014, u wara li rat ir-rapport tal-Perit Tekniku li vvalutat l-proprjeta in kwistjoni bil-prezz ta' €950,000, sabiex jigi dikjarat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, l-art. 12(4), (5) tal-Kap. 158 jiksirx id-dritt fondamentali tal-atturi, kif protetti bl-artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-15 ta' Novembru 2017;

Rat ir-risposta ta' Michelina Said et tat-22 ta' Novemberu 2017;

Rat id-digriet tat-23 ta' Novembru 2017 ta' dina l-Qorti diversament presjeduta li baghtet l-atti ta' dana r-rikors quddiem dina l-Qorti kif presjeduta;

Rat id-digriet tad-29 ta' Novembru 2017 fejn dina r-referenza thalliet ghas-sentenza ghal-lum wara li d-difensuri ddikjaraw li huwa kienu qed jaghmlu referenza ghall atti tal-kawza 160/1997 Estelle Azzopardi et vs Mikelina Said et;

Rat illi fl-atti tal-kawza imsemmija l-Qorti kienet iddegretat (a fol. 51) li l-mertu tal-kawza huwa konness ma' zewg kawzi ohra u cjoe dik fl-ismijiet inversi bin-numru 159/97 u l-kawza l-ohra bin-numru 29/97 u ghalhekk l-kawzi kellhom jinstemghu flimkien, u l-provi li jingabru kollha f'din il-kawza jkunu jservu wkoll ghaz-zewg kawzi l-ohra;

Rat in-nomina tal-Perit Edward Scerri bhala perit tekniku u l-Perit Legali Carmelo Galea a fol. 51;

Rat in-nomina tal-Perit Gordon Vella;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

**Kawza 160/97**

Illi fil-kawza odjerna l-atturi talbu li dina l-Qorti:

Tiddikjara li l-koncessjoni enfitewtika kostitwita permezz tal-kuntratt ta' enfitewsi temporanja in atti Nutar Dottor Aloisio Calleja Pace skadiet fil-hmistax (15) ta' Awwissu 1996 u li l-fond flimkien mal-benefikati rriverta favur il-padrun dirett u cioe l-attrici ghar-rigward tal-porzjoni li messet lilha fil-kuntratt ta'divizjoni fuq imsemmi;

Tiddikjara l-imsemmija porzjoni art libera a favur tal-atturi;

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiz jizgumbraw mill-imsemmi fond.

Bl-ispejjez

L-intimati wiegbu li:

Preliminarjament l-intempestivita tal-azzjoni stante li l-jedd ghall-okkupazzjoni tal-intimati tal-fond in kwistjoni kien oggett ta' kawza ohra 159/1997;
Fil-mertu l-intimati ghandhom jedd jzommu dana l-fond b'titolu ta' enfitewsi perpetwa a tenur tal-artikolu 10B tal-Kap 158.

B'sentenza preliminari tal-27 ta' Jannar 2010 il-Qorti kienet iddecidiet billi ddikjarat:
Illi s-sentenza tal-Prim Awla tat-3 ta' Ottubru 2000 fil-kawza "Mario Galea Testaferrata vs Il-Prim Ministru et." (citaz. nru. 348/91 RCP) li ddikjarat nulli u bla effett l-artikolu 12(4) u (5) tal-Kap. 158, ghandha tapplika mhux inter partes biss imma erga omnes u ghalhekk ghall-kaz in ezami wkoll, dejjem safejn ghad jirrizulta li, fil kaz prezenti, l-konvenuti qeghdin jibbazaw id-difiza taghhom unikament fuq dawn l-artikoli tal-ligi, haga li ghal issa din il-Qorti ghadha ma gietx mitluba tiddecidi.

B'sentenza finali taghha tal-17 ta'Novembru 2010 il-Qorti ddecidiet billi:
1. tiddikjara li l-koncessjoni enfitewtika kostitwita permezz ta' kuntratt ta' enfitewsi temporanja in atti Nutar Dottor Aloisio Calleja Pace tat-22 ta' Novembru 1897 skadiet fil-15 ta' Awwissu 1996, u li l-fond flimkien mal-benefikati mibnija fuqu rriverta favur il-padrun dirett u cioe' l-attrici ghar-rigward tal-porzjon li messet lilha fil-kuntratt ta' divizjoni msemmi fic-citazzjoni;
2. tiddikjara l-imsemmija porzjon art libera a favur tal-attrici, u
3. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien tliet xhur minn din is-sentenza jizgumbraw mill-imsemmi fond.

**Sentenza appell**

Il-konvenuti kienu appellaw minn dik is-sentenza u l-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 kienet iddecidiet billi:
i. tilqa' l-appell mis-sentenza preliminari u ghalhekk thassar dik is-sentenza u tghid illi d-decizjoni fil-kawza Mario Galea Testaferrata et v. Il-Prim Ministru et (rik. kost. 348/1991) ma torbotx lill-partijiet fil-kawza tallum;
ii. thassar ukoll is-sentenza finali bla hsara ghall-meritu tat-talbiet tal-attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tibghat l-atti lura lill-`ewwel qorti sabiex din taghmel referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali

taghha dwar jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz tallum, l-art. 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 jiksrux dritt fondamentali tal-attrici, u tiddeciedi fuq il-meritu wara li tircievi t-twegiba;

Il-Qorti tal-Magistrati t'Ghawdex imbaghad ghamlet ir-referenza odjerna.

Il-fatti relevanti huma dawn:

Il-kawza (li nstemghet flimkien ma' kawza ohra bejn l-istess partijiet fl-ismijiet Michelina Said et vs Estelle Azzopardi, citaz. 159/1997 u kawza 92/1997) hija dwar talba tal-atturi ghall-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond fejn dawn joqoghdu li kienu jikru minghand terzi li kellhom l-utli dominju temporanju tal-istess fond. L-attrici talbet l-izgumbrament tal-konvenuti meta ntemmet l-enfitewsi, u ghalhekk intemm it-titolu ta' sid il-kera taghhom. Il-konvenuti kienu fethu kawza ohra – Mikelina Said et vs Estelle Azzopardi, citaz. 159/1997, li nstemghet flimkien ma' din – biex jitolbu illi l-attrici tidher fuq kuntratt biex jaghraf illi l-konvenuti kisbu l-istess fond b'titolu ta' enfitewsi perpetwa taht l-art. 12(4), (5) u (6) tal-Ordinanza li tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158).

**Provi**

Il-provi li l-partijiet ghamlu referenza ghalihom fil-verbal tad-29 ta' Novembru 2017 kienu s-segwenti:

L-attrici Estella Azzopardi ghal dak li hu relevanti ghal dan ir-rikors kostituzzjonali xehdet (a fol. 18 et seq) li l-art in kwistjoni wirtitha minghand il-genituri taghha imbaghad saret id-divzjoni ghan in-Nutar J. Saydon fl-14 ta' Novembru 1979. Hi messha l-parti G imsemmija fil-kuntratt. Ic-cens kien ghal mitt sena u ghalaq fil-1996. John Buttigieg kien ihallas Lm3.50 u tigiega fis-sena ghal-porzjon taghha li hu kien qed jahdem. Fil-post hija kienet tara lil Portelli u lil Said. Meta kien se jaghaq ic-cens hija kienet staqsithom x'ser jaghmlu u huma ma rrispondewha xejn. Fir-razzett kien hemm l-intimati imbaghad dahal Portelli dan l-ahhar sentejn. Parti hija okkupata minn Said u parti minn Portelli.

Il-Perit tekniku Edward Scerri ipprezenta r-rapport tieghu a fol. 59 fejn indika l-proprjeta numru 61, Triq ir-Ramla, Nadur Ghawdex inkluz ir-raba li hemm

mieghu. Hu zied ighid li kien jonqos li jigi accertat l-estenzjoni ezatta tal-proprejta in kwistjoni billi ma kienx f'posizzjoni li jaghmel dana f'dak l-istadju.

Emanuel Portelli a fol. 221 xehed li joqghod f'parti mill-post 61, Triq ir-Ramla, Nadur. L-intimati Said joghodu fl-istess post ukoll. Il-post jikkonsisti f'razzett u raba. Originarjament in-nannu maternu tieghu, Frencu Said kien ha din l-art b'titolu ta' cens temporanju imbaghad bena fuqha razzett li llum huwa abitat in parti minnu u in parti mill-ahwa Said. Wara li miet Frencu, il-werrieta tieghu kienu krew parti mir-razzett lil missier l-intimati Said filwaqt li l-parti rimanenti baqghet f'idejn il-werrieta ta' Frencu. Missier l-intimati kien ihallas madwar Lm4.50. Din is-somma kienet naqset ghal Lm3.60 billi kienu hadulu kamra. L-intimati ma ghandhom imkien iehor fejn joqghod hlief f'dan ir-razzett. Huma qatt ma telqghu minn dana l-fond.

Michelina Said xehdet a fol. 223 li twieldet f'dan il-post. Ir-raba qatt ma kien f'idejn il-familja taghha. Missierha kien kera parti minn dana l-fond minghand il-werrieta ta' Frencu Said u l-kumplament baqa` ghand il-werrieta tieghu. Originarjament kienu jhallsu Lm4.50 imbaghad dan sar Lm3.60 ghax kienu hadulhom kamra. Missierha kien ihallas dan il-kera li kien jinkludi c-cens dovut fuq l-art lil werrieta ta' Frencu Said u dawn kien ihallsu c-cens kollu dovut fuq l-intier tal-art lis-sid. Hi dejjem uzat dana l-post bhala r-residenza taghha. Hi kienet ghamlet zmien tiehu hsieb iz-zija taghha imma dejjem baqghet tghix f'dan il-post. Ohta tghix maghha. Ic-cens ghalaq fin-1996. Huma m'ghandhomx proprjeta ohra fejn imorru joqghodu. Huma qed jitolbu li jikkonvertu l-enfitwesi temporanja f'wahda perpetwa b'cens ekwivalenti ghal sitt darbiet dak originali, liema cens ikun revedibbili kull 15-il sena skond il-ligi.

B'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-4 ta' Frar 2015 (a fol. 310) gie nominat l-perit Gordon Vella biex jaghmel valutazzjoni tal-fond in kwistjoni. B'digriet sussegwenti tas-7 ta' Marzu 2016 (a fol. 328) il-Qorti ordnat li l-perit nominat jiehu in konsiderazzjoni [i] il-fond kif deskritt fic-citazzjoni [ii] bhala proprjeta wahda u [iii] bhala liberu u frank.

Il-Perit Gordon Vella pprezenta r-rapport tieghu a fol. 334 . Hu jghid li l-partijiet okkupati mill-intimati u deskritti fic-citazzjoni huma dawk immarkati bil-kulur ahdar fil-pjanti annessi Dok. GV1 u GV2. Dan ir-razzett hu lokalizzat fil-limiti tan-Nadur f'zona ODZ. Din hi zona meqjusa ta' valur gholi peress illi tgawdi minn ambjent rurali u miftuh u fl-istess hin ghandha access relattivament komdu u konvenjenti mit-triq. Hemm enforcement order fuqu minhabba store mhux mibni skond il-pjanti approvati. Inoltre il-post ghandu limitazzjoni konsiderevoli fuq il-valur tal-proprjeta fl-istat prezenti bhala maqsum ghaliex l-indipendenza u s-sens ta' privatezza u esklussivita huma drastikament imnaqqsa. Barra minn hekk din il-proprjeta ma ghandiex raba annessa maghha u tinsab in-naha ta' gewwa jigifieri m'ghandiex access u faccata diretta fuq it-triq principali. Tenut kont ta' dawn il-fatturi l-perit stma l-valur bhala libera u franka fl-ammont ta' €140.000. Meta kkunsidra l-proprjeta bhala wahda shiha (kif ordnat mill-Qorti) dan inehhi l-fatturi imsemmija u l-proprjeta tkun ikkunsidrata bhala fully detached u kunsidrata bhala residenza bl-livell ta' privatezza u esklussivita gholja. Il-proprjeta ikolla ukoll potenzjal li tigi zviluppata f'uzi ohra kummercjali bhal facilitajiet ta' agriturizmu, produzzjoni ta' zejt, inbid, ghasel. Tenut kont ta' dawn il-fatturi l-valur bhala proprjeta shiha u bhala libera u franka, jammonta ghal €950,000

Kienet intalbet in-nomina ta' periti perizjuri a fol. 369 izda l-konvenuti ma baqghux jinsistu fuqha (ara fol. 375).

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimati l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha tal-lum fic-citazzjoni 159/1997.

In kwantu ghar-riferenza dina hija impostata fis-sens jekk fl-applikazzjoni tal-art. 12(4) u (5) tal-Kap.158 ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum hemmx ksur tal-art. 37 u tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**Art 37 tal-Kostituzzjoni**

Dan l-artikolu kostituzzjonali jiddisponi li:

> ... ebda proprjeta ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub, b'mod obligatorju

F'dan il-kaz meta ghalaq ic-cens temporanju fin-1996 l-atturi kellhom dritt li jiksbu lura l-proprjeta taghhom izda bis-sahha tal-ligi, setgha jittehidilhom ghal dejjem l-utli dominju – sehem sostanzjali mill-jedd ta' proprjeta. Ghalhekk jista' jinghad li b'dak il-mod kien qed jittiehdilhom interess jew dritt fuq il-proprjeta taghhom. Dan it-tehid ta' ius in re jintlaqat mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni. Ghalkemm taht l-art. 37 tal-Kostituzzjoni t-tehid ta' proprjeta jew ta' ius in re iehor jista' jsir bis-sahha ta' ligi, dan pero biss bi hlas ta' 'kumpens xieraq'.

Jekk il-kumpens ma jitqiesx bhala wiehed xieraq allura jkun hemm il-ksur tal-srt. 37 tal-Kostituzzjoni.

**Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja**

F'dak li jirrigwarda l-ksur allegat taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni l-kwestjoni hija daqsxejn differenti billi din thares it-tgawdija hielsa mill-persuna dwar hwejjigha u mhux biss il-harsien mit-tehid ta' pussess kif mahsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-applikabilita ta` dan l-artikolu tal-Konvenzjoni ghalhekk huwa usa minn dak taht il-Kostituzzjoni.

Dan l-artikolu jipprovdi li:

> Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.
>
> Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.

Ghalkemm f'dan l-artikolu ma jissemmiex hlas ta' kumpens, imma l-kumpens huwa kriterju essenzjali tal-istess artikolu partikolarment fejn tidhol il-proporzonalita.

Ma huwiex kontestat illi l-istat ghandu s-setgha li jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta fl-interess pubbliku, u ma huwiex kontestat ukoll illi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 158, safejn huma mahsuba illi n-nies ikollhom dar fejn joqoghdu, huma fl-interess pubbliku.

Izda l-istat irid jissodisfa lill-organu gudizzjarju li fil-kaz konkret ikun inzamm dak l-element ta' bilanc jew proporzjonalita bejn l-ghan li jkun irid jintlahaq fl-interess pubbliku min-naha u l-protezzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-individwu min-naha l-ohra.

Ghalhekk meta jkun hemm tehid ta' proprjeta jew kontrol tal-istess ghandu jkun hemm proporzjonalita bejn il-kumpens li ghandu jinghata lis-sid u l-valur tal-proprjeta mehuda.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk f'dan il-kaz inzammx dan l-element ta' proporzjonalita.

Hu accettat gurisprudenzjalment illi l-kumpens mhux bilfors ikun daqs kemm jaghti s-suq hieles[1]. Izda l-htiega tal-proporzjonalita ma tkunx tharset meta jithallas kumpens ta' mizeru ghall-proprjeta li tkun tiswa eluf ta' euro.

In kwantu ghall-provi, il-Qorti ghandha prova tas-somma kapitali mehtiega sabiex jinfeda c-cens wara li jkun sar perpetwu, u ghandha l-prova ta' kemm jiswa l-fond. Ghalhekk il-qorti tista` taghmel analizi tal-element tal-proporzjonalita` a fini tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u anke tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

Irid jigi stabbilit il-kumpens li qed tipprovdi il-ligi kontestata f'kazijiet fejn ic-cens temporanju jigi konvertit f'cens perpertwu. Il-fond li fih joqoghdu l-konvenuti, li huma cittadini ta' Malta, kien mikri lilhom mill-utilista tal-istess fond, li kellu titolu ta' enfitewsi ta' disgha u disghin sena b'sehh mill-15 ta' Awwissu 1896,

[1] The Court has held that the person deprived of his property must in principle obtain compensation 'reasonably related to its value', even though 'legitimate objectives of 'public interest' may call for less than reimbursement of the full market value' (**Pincova and Pinc vs The Czech Republic,** Qorti ta' Strasbourg 5/11/2002, paras 52-53)

b'cens ta' hamsa u ghoxrin centezmu ta' lira ta' Malta (Lm0.25) – illum daqs tmienja u hamsin euro centezmu (€0.58) – fis-sena. F'dawk ic-cirkostanzi l-utilista kellu l-jedd, taht l-art. 12(4) tal-Kap. 158, illi jikkonverti l-enfitewsi f'wahda perpetwa b'cens ta' sitt darbiet daqs dak originali, i.e. lira u hamsin centezmu (Lm1.50) jew tliet euro u disgha u erbghin centezmu (€3.49) fis-sena, rivedibbli kull hmistax-il sena fis-sens li jizdied bi proporzjon maz-zjieda fil-gholi tal-hajja sakemm ma jaqbizx id-doppju ta' li kien qabel. Fi zmien sena minn kull revizjoni l-utilista jkollu l-jedd illi jifdi c-cens – cioe illi jikseb ukoll id-dirett dominju u ghalhekk il-proprjeta shiha tal-fond – billi jikkapitalizzah bir-rata applikabbli. Il-kapitalizzazzjoni issir "bil-medja tar-rata tal-imghax li tithallas minn bank kummercjali fuq depoziti li jkunu ta' xorta fissa fi zmien il-fidwa" (ara art. 1501(2) tal-Kodici Civili, skond il-proviso ta' dak is-subartikolu ladarba l-canone huwa rivedibbli). Dik ir-rata hija qrib it-tnejn fil-mija (2%) u ghalhekk il-valur kapitali jigi €174.50. Dan huwa l-valur tal-kumpens li jinghata lis-sidien jekk tittehdilhom il-proprjeta.

L-atturi jsostnu li l-kumpens meta mqabbel ma' kemm tiswa l-proprjeta b'ebda mod ma jista' jitqies xieraq jew proporzjonat mentri l-intimati wiegbu li t-tehid sar b'harsien tal-ligi u li l-kumpens moghti huwa wiehed xieraq u proporzjonat.

Ir-referenza maghmula mill-Qorti tal-Magistrati, wara li rat ir-rapport tal-perit tekniku ivvalutat l-proprjeta in kwistjoni bil-prezz ta' €950,000 u dana sabiex jigi dikjarat minn dina l-Qorti jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, l-art. 12(4), (5) tal-Kap. 158 jiksirx id-dritt fondamentali tal-atturi, kif protetti bl-artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta. Din l-Qorti hija marbuta b'dik ir-referenza bil-valur li gia gie determinat u din il-Qorti trid twiegeb ghal dak il-kwezit u tieqaf hemm u mhux tiddermina xi valur iehor hija.

Il-proprjeta meta kunsidrata bhala wahda shiha, libera u franka, bhala fond fully detached u residenza bl-livell ta' privatezza u esklussivita gholja. Il-proprjeta jista' ikolla ukoll potenzjal li tigi zviluppata f'uzi ohra kummercjali bhal facilitajiet ta' agriturizmu, produzzjoni ta' zejt, inbid, ghasel.

Illi fil-fehma tal-Qorti cens ta’ €3.49 fis-sena jew kumpens ta’ €174.50 ghal proprjeta’ li tiswa €950,000 b’ebda finzjoni legali ma jista’ jinghad illi dak l-kumpens huwa wiehed xieraq jew proporzjonat.

Illi ghalhekk, l-applikazzjoni tal-art. 12 (4), (5) tal-Kap. 158 fil-kaz tallum tkun bi ksur tal-jedd tal-atturi mhares taht l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u l-art 37 tal-Kostituzzjoni.

**Rimedju**

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Ch. Massa et vs Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et**, deciza fit-30 ta’ April 2012:

> Ghandu jigi rilevat li bhala regola meta ssir riferenza ta’ kwistjoni kostituzzjonali kif previst fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni l-funzjoni tal-Qorti li lilha ssir ir-riferenza hija arginata bit-termini tar-riferenza u ghalhekk dik il-Qorti ghandha tillimita ruhha filli twiegeb ghall-kweziti riferuti lilha.

(Ara wkoll **The Police vs Nelson Arias**, Kost 28/09/2012; **Glenn Beddingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 31/07/2000 Vol.XXXIV.i.232; **Nazzareno Galea vs Giuseppe Briffa et**, Kost 30/11/2001 Vol.XXXV.i.540; **Pulizija vs Frank Cachia**, (PA Kost 16/02/2011, para 55; **Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et**, Kost 19/04/ 2012).

Il-Qorti ghalhekk ghandha twiegeb ghal dak il-kwezit u tieqaf hemm. Biex il-qorti ma tkunx iddecidiet ultra jew extra petita, is-sentenza ghandha tkun arginata b’dan il-meritu biss. Imiss imbaghad lill-qorti riferenti li tghid xi jkun l-effett tad-decizjoni fuq ir-referenza u x’ghandu jkun ir-rimedju. Jekk din il-qorti tippronunzja ruhha dwar il-mertu f’dan l-istadju effettivament tkun qed tiddeciedi wkoll fuq it-talbiet tal-atturi (**Vincent Zerafa et vs Emanuel Cilia et** Kost 25/10/2013).

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi twiegeb ghall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex- Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali) fil-13 ta’ Ottubru, 2017, billi ssib li fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, l-art. 12(4), (5) tal-Kap. 158 jikser id-dritt fondamentali tal-atturi, kif

protetti bl-artikolu 1 tal-protokol 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.

Ghalhekk tordna lir-Registratur sabiex ighaddi lura l-atti tal-kawza hawn imsemmija lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' tiddisponi mill-kaz skond din is-sentenza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur